FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 16 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 126/02AE**

Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Christina DiMatulac abbazi tal-polza ta'assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Christina DiMatulac

Vs

Harold Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u sebghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm370.09), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Dicembru 1999 gewwa Triq il-Huttaf, Kappara waqt li l-konvenut kien

qieghed isuq il-vettura LAL 442 habat mal-vettura EAG 646 misjuqa mill-attrici, u ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra d-dokumenti li gew prezentati mill-atturi u li gew ikkonfermati bil-gurament (Dok. 12 sa 18).

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm370.09).

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**